

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-dispożizzjoni kkontestata għandha tiġi annullata għalix tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità billi (i) tistabbilixxi terminu fiss għall-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni taċ-ċelloli tal-merkurju li huwa ħafna iktar bikri mit-terminu li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni internazzjonali applikabbli dwar il-merkurju, mingħajr ma tipprevedi, minn tal-inqas, il-possibbiltà li jingħataw estensjonijiet/eżenzjonijiet fkażijiet speċifiċi, (ii) tippromwovi leġiżlazzjoni li ma tistax tipprovdix xi benefiċċji ambjentali sinjifikattivi għall-pubbliku iġġenerali iżda fl-istess ħin tikkawża żvantaġġi sinjifikattivi għall-operaturi ekonomiċi, u (iii) tinjora leġiżlazzjoni eżistenti li diġà tipprevedi regoli ċari għall-eliminazzjoni gradwali u għal estensjonijiet/eżenzjonijiet u tonqos milli tipprevedi klawżoli tagħha stess dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-dispożizzjoni kkontestata għandha tiġi annullata għalix din ser tikkawża telf għan-negozju tar-rikorrenti li jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali għal proprjetà taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalix huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet tad-dispożizzjoni kkontestata u jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 2017, dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU 2017, L 137, p. 1)

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2017 – UC vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża T-572/17)

(2017/C 369/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: UC (rappreżentant: A. Tymen, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat

konsegwentement,

- tannulla r-rapport ta' żvilupp tal-karriera tar-rikorrent għall-2015, kif ukoll id-deċiżjoni li ma jingħatawlux żewġ punti ta' mertu għall-istess sena;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-9 ta' Mejju 2017, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tat-13 ta' Jannar 2017;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni, iffissati *ex aequo et bono* għal EUR 9 000, bħala kumpens għad-dannu morali tar-rikorrent;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat, minn naħa, fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġħ xieraq u tal-Artikolu 41 tal-Karta.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.